# Forom ta' Gvern Lokali fir-raħal tal-Gudja 1773–1798

*Kitba ta' Winston L. Zammit B.A. (Hons), M.A., PGCE*

Il-Gvern Lokali li twaqqaf permezz ta' l-Att nru. XV ta' l-1993, u li beda jaħdem f'Malta f'Novembru 1993, ma kienx l-ewwel forma ta' Gvern Lokali fl-istorja tal-Gudja. Forom oħra ta' Gvern Lokali eżistew kemm taħt il-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann, taħt il-Franċiżi u taħt il-ħakma kolonjali Ingliża.




### *Il-Gvern Lokali fil-Gudja fl-aħħar snin tal-Kavallieri*

Permezz ta' digriet bid-data tat-28 t'Awissu 1773, il-Gran Mastru Fra Francesco Ximenes de Texada (1773 – 1775), għamel riforma ta' l-amministrazzjoni lokali fil-kampanja. Permezz ta' dan id-digriet, Ximenes iddeċieda li jaħtar tliet uffiċjali għall-kampanja li kienu s-Sindku, il-Ġurat u l-"Accatapano". Dawn it-tliet uffiċjali, kellhom jinħatru mill-Gran Mastru ta' kull sena u jingħataw ċerti respons-abbilitajiet. Il-kampanja ta' Malta nqasmet f'disa' distretti u f'kull distrett kellu jkun hemm it-tliet uffiċjali msemmija hawn fuq. Fost id-disa' distretti, kien hemm id-distrett li kien magħmul mill-irħula taż-Żurrieq, Qrendi, Gudja, Ħal Safi u Ħal Kirkop. (1)

Id-digriet ta' Ximenes speċifika d-dmirijiet tat-tliet uffiċjali msemmija hawn fuq. Fost affarijiet oħra s-Sindku u l-Ġurat kienu mistennija li jgħassu fuq l-imġiba u l-istil ta' ħajja ta' l-abitanti tad-distrett tagħhom. Flimkien, it-tliet uffiċjali kellhom jissorveljaw lil tal-ħwienet u lill-bejjiegħa tal-qamħ u l-maħlut, sabiex ix-xerrejja ma jiġux mqarrqa fejn jidħlu l-użin u l-prezzijiet. Kellhom ukoll jgħaddulhom l-użin maħruġ mill-Ġurati ta' l-Università (Gvern Muniċipali) ta' l-Imdina.

Is-Sindku kellu wkoll dmirijiet ġudizzjarji, għax kellu l-jedd li jiddeċiedi numru ta' kawżi. Biex iżomm l-ordni fid-distrett tiegħu, kellu l-jedd li jżomm fir-residenza tiegħu, jew xi post ieħor "lock up" fejn seta jżomm għal xi żmien qasir lil min kien kiser il-liġi, iżda kien obbligat li jressqu immed-jatament quddiem il-qorti li taħtha kien jaqa'. Is-Sindku kellu wkoll id-dritt li jħalli għad-dispożizzjoni tiegħu numru ta' rġiel li jissejħu "franchi" biex jgħinuh fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu. Dawn l-irġiel kellhom ikunu meħlusa mid-dmirijiet militari. (2)

Is-sistema introdotta minn Ximenes b'xi tibdiliet żgħar, baqgħet taħdem sa tmiem il-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann.

Fl-istess jum li ħareġ id-digriet tiegħu, Ximenes għamel ukoll l-ewwel ħatriet għall-kariga ta' Sindku, Ġurat u "Accatapano" fid-distretti kollha. Għad-distrett li minnu kienet tagħmel parti l-Gudja, saru dawn il-ħatriet:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Gejtanu Dalli |
| Ġurat: | Ġwanni Mangion |
| "Accatapano" | Pawlu Casha (3) |

Dawn l-uffiċjali ġew ikkonfermati fil-kariga fl-1774. (4) Iżda fl-1775 inħatru uffiċjali ġodda. Hekk insibu li Saver Casha ġie maħtur Sindku, Salvu Zammit ġie maħtur Ġurat filwaqt li Pawlu Camilleri nħatar bħala "Accatapano". (5)

Iżda fl-1776 il-Gran Mastru Fra Emmanuel de

Rohan (1775-1797) għamel xi tibdiliet fil-konfini ta' xi distretti u ħoloq distrett ġdid li kien magħmul mill-irħula ta' Ħal Għaxaq, il-Gudja, Ħal Tarxien, Ħal Luqa u Casal Paola. Il-konfini ta' dan id-distrett baqgħu l-istess sa l-1792 u nsibu dawn il-ħatriet:

| SENA | SINDKU | ĠURAT | ACCATAPANO |
|---|---|---|---|
| 1776 | M.A. Zammit | Ġużeppi Castagna | Ġużeppi Vella (6) |
| 1777 | Arkanġlu Zammit | Ġużeppi Castagna | Ġużeppi Vella (7) |
| 1778 | Anġlu Castagna | Ġużeppi Vella (8) | (ma nħatarx iżjed) |
| 1779 | Anġlu Castagna | Ġużeppi Vella (9) | |
| 1780 | Anġlu Castagna | Ġużeppi Vella (10) | |
| 1781 | Anġlu Castagna | Ġużeppi Vella (11) | |
| 1782 | Anġlu Castagna | Ġużeppi Vella (12) | |
| 1783 | Anġlu Castagna | Franġisku Vella (13) | |
| 1784 | Anġlu Castagna | Franġisku Vella (14) | |
| 1785 | Anġlu Castagna | Franġisku Vella (15) | |
| 1786 | Anġlu Castagna | Franġisku Vella (16) | |
| 1787 | Anġlu Castagna | Franġisku Vella (17) | |
| 1788 | Anġlu Castagna | Franġisku Vella (18) | |
| 1789 | Anġlu Castagna | Franġisku Vella (19) | |
| 1790 | (ma jinstabux) | | |
| 1791 | Anġlu Castagna | Franġisku Vella (20) | |
| 1792 | Anġlu Castagna | Franġisku Vella(21) | |

F'xi żmien wara l-1792 reġa sar xi tibdil f'xi konfini, għax sa l-1795 il-Gudja kienet reġgħet bdiet tifforma parti mid-distrett taż-Żurrieq, Ħal Safi, Ħal Kirkop, il-Qrendi u baqgħet tifforma parti minn dan id-distrett sa l-1798, iżda beda jinħatar Ġurat apparti għar-raħal tal-Gudja. Fil-fatt bejn l-1795 u l-1797 insibu dawn il-ħatriet:

| SENA | SINDKU TAD-DISTRETT | ĠURAT GĦALL-GUDJA |
|---|---|---|
| 1795 | Xandru Damato | Ġużeppi Buttiġieġ (22) |
| 1796 | Xandru Damato | Ġużeppi Buttiġieġ (23) |
| 1797 | Xandru Damato | Ġużeppi Buttiġieġ (24) |

Referenzi:


1) L(ibrerija) N(azzjonali) M(alta) A(rkivju) O(rdni) M(alta) 577, f 206r-206v
2) ibid 206v, 207r 207v
3) ibid f 202r
4) L.N.M. A.O.M. 578, f. 134v
5) L.N.M. A.O.M. 579, f. 324v
6) L.N.M. A.O.M. 580, f. 246r
7) L.N.M. A.O.M. 581, f. 253r
8) L.N.M. A.O.M. 582, f. 278v
9) L.N.M. A.O.M. 583, f. 306r
10) L.N.M. A.O.M. 584, f. 194v
11) L.N.M. A.O.M. 585, f. 96v
12) L.N.M. A.O.M. 586, f. 253r
13) L.N.M. A.O.M. 587, f. 281r
14) L.N.M. A.O.M. 589, f. 281r
15) L.N.M. Univ. 34 ff 278v– 279v
16) ibid f 327v
17) ibid f.f. 384v – 385v
18) ibid f.f. 450v - 451v
19) ibid f.f. 488r, 488v
20) L.N.M. Univ. 35, f.f. 107v, 108r
21) ibid f.441r
22) ibid f.298r
23) ibid f. 373r
24) ibid f. 441r